# Għasfur rari u protett jispiċċa maqtul illegalment fis-Salina

## Xifa protetta, għasfur tal-passa skars u irregolari, qattgħet il-ġimgħa l-oħra fir-riservi naturali tal-Għadira u s-Salina sa xħin inqatlet f'nofs ta' lejl fi tmiem il-ġimgħa

Matul l-aħħar ġimgħa, Xifa – għasfur tal-passa li huwa speċi skarsa u irregolari – kien osservat l-ewwel fir-Riserva Naturali tal-Għadira mmexxija minn BirdLife Malta, u mbagħad fir-Riserva Naturali tas-Salina. B'xorti ħażina, dan l-għasfur tal-plajja sabiħ u rari spiċċa fil-mira tal-kaċċa illegali tul tmiem il-ġimgħa li għaddiet minkejja li huwa speċi protetta u minkejja wkoll li kien f'post li suppost huwa mħares bil-liġi, tul l-istaġun magħluq. Sew l-Għadira kif ukoll is-Salina huma siti Natura 2000 u santwarji protetti tal-għasafar.

Ix-Xifa l-ewwel dehret fir-Riserva Naturali tal-Għadira nhar il-Ħadd 20 ta' Mejju, kmieni filgħodu fejn setgħu jgawduha wkoll membri tal-pubbliku u familji li żaru r-riserva ta' BirdLife Malta matul dak il-*weekend*. Wara li qattgħet ftit jiem fir-riserva, nhar l-Erbgħa 23 ta' Mejju x-Xifa ħalliet l-Għadira u dehret ittir minn fuq l-inħawi magħrufin bħala Tas-Safra fit-triq tal-kosta qabel ma niżlet tistrieħ fir-Riserva Naturali tas-Salina fejn, iżda, ftit jiem wara, inqatlet matul il-lejl ta' bejn is-Sibt 26 u l-Ħadd 27 ta' Mejju.

L-għasfur kien issorveljat binhar u billejl waqt li kien fir-riserva ta' BirdLife Malta fl-Għadira. Meta tar lejn is-Salina, għalkemm BirdLife Malta kompliet tissorveljah kemm jista' jkun, il-fatt li dan is-sit huwa miftuħ u aċċessibbli l-ħin kollu espona lil dan l-għasfur għal periklu akbar li jinqatel.

Fil-fatt, f'xi ħin bejn is-Sibt tard billejl u s-sigħat bikrin tal-Ħadd filgħodu xi ħadd spara fuq dan l-għasfur u qatlu. Jidher li min wettaq dan l-att illegali jew daħal fir-riserva f'nofs ta' lejl jew inkella fetaħ in-nar fuq din l-ispeċi protetta mid-dawra ta' barra tal-post.

Hekk kif BirdLife Malta kienet infurmata minn membri tal-pubbliku li kienu nstemgħu tiri ta' senter fl-inħawi, ġiet infurmata mill-ewwel il-pulizija. F'dak il-punt l-għasfur deher mejjet f'wiċċ l-ilma u ħaddiema ta' BirdLife Malta mbagħad ġabruh mill-ilma kmieni lbieraħ filgħodu. L-għasfur mejjet ittieħed għand il-veterinarju tal-gvern li kkonfermat li x-Xifa nqatlet illegalment b'tiri ta' senter.



Ix-Xifa (bl-Ingliż Avocet, Isem xjentifiku: *Recurvirostra avosetta*) hija għasfur sabiħ ħafna li faċli tiddistingwih mir-rix iswed u abjad u s-saqajn twal li għandu. Għandu munqar iswed irqiq li huwa mgħawweġ 'il fuq u dan jagħmlu speċi unika. Fil-Mediterran ibejjet f'zoni kostali, fejn jibni l-bejta fit-tajn jew fuq ir-ramel. Uħud iqattgħu x-xitwa fil-Mediterran u oħrajn fl-Afrika. F'Malta kultant jidher fir-rebbiegħa, fil-ħarifa u anke fix-xitwa. Normalment jidher f'waħdiet jew f'koppji, imma kultant naraw anke qtajja' li hemm rekords tagħhom qed ipassu fuq il-baħar.

Din l-ispeċi hija mħarsa bil-liġi taħt Anness 1 tad-Direttiva Ewropea tal-Għasafar, u riżultat ta' dan taħt il-liġijiet Maltin li wieħed joqtol lil dan l-għasfur iġorr miegħu multa ta' €5,000. Irrispettivament minn dawn il-pieni ħorox, in-nuqqas ta' infurzar u anke l-fatt li mhux qed jitħaddmu kif suppost il-proċeduri regolatorji fir-rigward tal-ibbalzmar mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi (Wild Birds Regulation Unit, WBRU), fosthom l-ispezzjonijiet ta' kollezzjonijiet privati, qed iwassal għal żieda fin-numru ta' għasafar protetti li jinqatlu illegalment biex jiġu bbalzmati, bħalma jidher li kienet l-intenzjoni f'dan il-każ.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Niżżel il-filmati minn hawn: https://youtu.be/YoXSYzWQNmo**

- Xifa protetta maqtula illegalment fir-Riserva Naturali tas-Salina (Filmati ta' BirdLife Malta, muntaġġ ta' Nathaniel Attard)

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/UuPbhYs179** (Ritratti ta' BirdLife Malta)

1. Ix-Xifa maqtula 1
2. Ix-Xifa maqtula 2
3. Ix-Xifa maqtula 3
4. Ix-Xifa fir-Riserva Naturali tal-Għadira
5. Ix-Xifa fir-Riserva Naturali tas-Salina
6. Osservazzjoni tal-għasafar fl-Għadira
7. Familji fir-Riserva Naturali tal-Għadira

